MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 1(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 9 ta’ Jannar 2013, fil-5:00 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Performace Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv
6. Aġġudikar ta’ sejħa għall-kwotazzjonijiet MXLC05/2012
7. Attivita’ Karnival 2013
8. Approvazzjoni ta’ ħlasijiet
9. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma’ dawk preżenti qal it-talba.

**1. Qari tal-Minuti**

1.1 Is-Sur Edric Micallef qara il-minuti.

1.2 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi rigward minuta 2.6 huwa kien attenda c-cerimonja ta’ ghoti ta’ fondi u f’isem il-Kunsill Lokali kien ircieva l-ammont ta’ €2500. Is-Sur Micallef qal illi l-

attivita' kienet ittellghet b'success u esprima s-sodisfazzjon tieghu ghall-hidma siewja li kienet saret mis-Sotto-Kumitat li ha hsieb l-organizzazzjoni ta' l-attivita'

2.2 Rigward item 5.7, is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva talba ghal-laqgha nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2013 fl-10:00a.m. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tinzamm laqgha. Madanakollu, is-Sindku talab illi tinbidel il-gurnata minhabba illi dakinhar li kienet proposta li ssir il-laqgha huwa kien ser ikun insidpost.

2.3 Is-Sur Angelo Micallef qal illi rigward minuta 10.2, minkejja li kien hemm decizjoni tal-Kunsill illi ssir applikazzjoni, minhabba diversi impenji, ma kienx possibbli illi jigu rrispettati d-deadlines impost u ghaldaqstant l-applikazzjoni ma kenitx intefghet. Is-Sur Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kien ikun opportun kemm il-darba isir kuntatt mal-Kunsill Malti ghall-Isports sabiex bil-flus li kienu gew ivvotati ghal memo 49/2012 tittella attivita' sportiva xorta wahda. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-parir tas-Sur Micallef

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku qal illi b'referenza ghall-progett ta' playing field gdida li l-Kunsill kien iddecieda li ssir fi Triq il-Wilga, kien ha hsieb ihejji document ghas-sejha ta' l-offerti. E.M. spjega kif kien qieghed jigi propost illi l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti illi minkejja li torbot lill-kuntratturi b'livelli u specifikazzjonijiet taghti lok lill-offerenti sabiex iressqu proposti differenti. B'hekk il-Kunsill Lokali kien ser ikollu l-opportunita' li jaghzel bejn il-proposti mressqa. Is-Sur Micallef zied jghid illi s-sejha ghall-offerti kienet qieghda tigi proposta li tinhareg b'tali mod illi kuntrattur wiehed jew konsorzju ta' kuntratturi ikunu responsabbli mix-xoghol kollu u jinzammu responsabbli mill-integrita' tal-progett.
Is-Sur Steven Grech staqsa jekk kienx possibbli illi fanali ornamentali li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda jigu installati fil-playing field il-gdida sabiex f'Xatt is-Sajjieda jitwahhlu fanali godda. Dan peress illi fl-opinjoni tieghu, il-fanali ta' Xatt is-Sajjieda ma kienux qieghdin jitfghu dawl bizzejjed. Wara diskussjoni qasira gie deciz illi minhabba l-fatt illi kemm il-darba il-Kunsill jimxi fuq il-proposta tas-Sur Grech kienu ser jinholqu problem dwar is-sejha ghall-offerti, il-Kunsill Lokali ma kellux icaqlaq il-fanali msemmija.
Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta li giet issekondata mis-Sur Stephen Caruana sabiex il-Kunsill Lokali johrog is-sejha ghall-offerti hekk kif propost mis-Sur Edric Micallef. Kien hemm votazzjoni unanima.

*Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex tinbidel il-proċedura tal-laqgħa u jkunu jistgħu jiġu diksussi items 5,6 u 7 qabel l-items oħra kien hemm fuq l-aġenda. Din il-proposta għaddiet b'vot unanimu mill-Kunsilliera preżenti.*

## 5 Performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv

5.1 Il-Kunsill Lokali gie pprezentat bil-performance appraisal reports tas-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil illi l-performance ta' l-individwu kienet teccedi l-aspettativi.
Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Steven Grech u li ghaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill qabel li ghandu jirrakkomanda illi s-Sur Hall jinghata l-massimu ta' 10% tal-performance bonus ghall-2012.
Is-Sur Hall irringrazzja lil dawk prezenti.

## 6 Aggudikar ta' sejha ghall-kwotazzjonijiet MXLC05/2012

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva offerti minghand erba' kumpaniji differenti ghax-xiri ta multifunction printer ( printer/fax scanner). Huwa zied jghid illi l-offerti kollha kienu jilhqu l-ispecifikazzjonijiet li kien talab il-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal illi wara li kien ghamel l-evalwazzjonijiet tieghu il-bord ta' l-ghazla kien irrakkomanda illi s-sejha tigi aggudikata lill-kumpanija Image Systems Ltd. u tinxtara WC7525 ghall-prezz ta' €4250. Hekk kif mitlub mill-Kunsill Lokali Image Systems Ltd. kienet ressqet ukoll proposta ta' *Full Service and Manitenance Agreement* kemm il-darba tinxtara il-magna.
Wara diskussjoni qasira, fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-kunsill qabel unanimament illi ghandha tigi milqugha ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-ghazla u l-Kunsill Lokali jixtri WC7525 minghand Image Systems Ltd. Il-Kunsill accetta wkoll illi jigi ffirmat il-*Full Service & Maintenance agreement* ma' l-istess kumpanija.

## 7 Attivita' Karnival 2013

7.1 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jorganizza attivita' fil-Hadd tal-karnival li kien ser jahbat fl-10 ta' Frar 2013. Is-Sur Micallef qal illi fis-snin imghoddija, is-Sur William Pomroy kien jiehu hsieb itella' attivita' relatata ma' din l-okkazjoni u l-istess attivita' kienet dahlet fil-kalendarju ta' attivitajiet ta' Marsaxlokk.
Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi huwa wkoll kien ta' l-opinjon illi ghandha tittella' attivita' ghall-karnival. Wara diskussjoni qasira li matulha gie diskuss x'setghu jinkludu l-attivitajiet, is-Sur Edric Micallef ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali itella' attivita' nhar il-Hadd 10 ta' Frar 2013 li l-ispiza totali taghha ma' teccedix is-somma ta' €2500. Din il-mozzjoni giet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u ghaddiet b'mod unanimu.

*F'dan l-istadju, is-Sur Edric Micallef talab illi jkun skuzat sabiex ihalli s-seduta minhabba impenji personali. Is-Sur Carmelo Bugeja, fil-kwalita' ta' Vici-Sindku ha post is-Sur Micallef u ghadda sabiex jippresiedi s-seduta.*

## 4 Korrispondenza

4.1 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Dicembru 2012, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali illi l-korporazzjoni Enemalta tat avviz lill-Gvern Centrali illi kienet qieghda ssib appart u lampi mqabbda mas-sistema tad-dawl minghajr l-awotrizzazzjoni taghha. L-istess Enemalta stqarret illi kienu ser jittiehdu mizuri sabiex dan l-abbuz jinqata' u elenkat numru ta' passi li kienet ser tkun qieghda timplimenta.

4.2 E-Mail datat 9 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu is-Sur Teddy Bonnici, sid l-opra tal-bahar MFB832 talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella' d-dghajsa tieghu fuq l-art ghall-manutenzjoni. Il-Sur Bonnici qal illi l-permess kien mehtieg mit-12 ta' Jannar 2013 sad-9 ta' Frar 2013 u l-intenzjoni tieghu kienet illi matul dan il-perjodu l-opra tal-bahar tithalla fi Triq it-Truncieri. Wara diskussjoni qasira, fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u li ghaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill qabel li ghandu johrog il-permess mitlub lis-Sur Bonnici.

5.3 Ittra datata 20 ta' Dicembru 2012 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li permezz taghha il-Kunsill Lokali gie nfurmat illi applikazzjoni li kienet saret ghal xogholijiet fl-inhawi tal-qasam tal-Bini tal-Gvern permezz ta' memo 63/2011 ma kenitx giet milqugha. Is-Sur Steven

Grech qal illi ghal xoghol fl-oqsma tal-Gvern il-Kunsill Lokali kien issottometta zewg applikazzjonijiet differenti u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiccekkja liema wahda ma kenitx giet milqugha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waqt diskussjoni li flimkien mas-Sindku kellu ma' Dott.Albert Butigieg, direttur tal-Housing Authority, kien gie infurmat illi l-applikazzjoni ghall-embellishment taz-zona tal-bini tal-Gvern li l-Kunsill Lokali kien issottometta kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien ser jinghata fondi sabiex isiru x-xogholijiet matul l-2013. D.H. zied jghid illi huwa kien ser jiccekkja

5.4 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Jannar 2013, is-Sur Lawrence Formosa lill-Kunsill Lokali estensjoni ghal permess li kien inhariglu sabiex ikun jista' jesebixxi tajr tal-priza u li kien ghalaq f'Dicembru 2012. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi l-permess li kien inhareg lis-Sur Formosa ma kien holoq ebda problemi. Pjuttost kienu diversi l-individwi li kienu interessaw ruhhom f'dak li kien qieghed jesponi s-Sur Formosa. Ghaldaqstant huwa kien ta' l-opinjoni illi l-permess jigi estiz sal-31 ta' Marzu 2013. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

5.5 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Jannar 2013 is-Sur Morgan Salvatore baghat lill-Kunsill Lokali kopja tal-Minuti tal-Bord ta' l-Appell tal-Licenzji tal-Kummerc b'konnessjoni ma' kaz li kien ressaq is-Sur Publius Cutajar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sur Cutajar kien qieghed jitlob illi jinghata lura posta fis-suq fil-berah li jopera nhar ta' Hadd gewwa l-lokalita' li allegatament kienet ittehditlu hekk kif sari c-caqliq ta' l-istess suq fil-berah meta sar il-progett ta' Xatt is-Sajjieda. D.H. spjega kif flimkien ma' impjegat tal-Kunsill Lokali kien gie msejjah ghas-seduta ta' l-appell u l-Kunsill Lokali kien ressaq il-motivi tieghu. Madanakollu minhabba l-fatt illi qabel Ottubru 2010 qatt ma kienet ittiehdet rassenja tal-bejjiegha tas-Suq fil-berah, il-Kunsill Lokali ma setax jeskludi illi s-Sur Cutajar kellu posta qabel il-perjodu kkoncernat. Barra minn dan wara li sema' xhieda li kien ressaq is-Sur Cutajar, il-bord ta' l-appell kien wasal ghall-konkluzjoni illi s-Sur Cutajar kien effettivament jopera fis-suq fil-berah u kien naqas milli jaghmel dan wara li kellu problema ta' sahha. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-bord ta' l-appell kien qieghed jirrakkomanda illi l-Kunsill Lokali isib soluzzjoni illi tippermetti lis-Sur Cutajar jinghat c-cans sabiex mill-gdid ikun jista' jibda' jopera fis-suq fil-berah.
Wara diskussjoni dwar din il-materja li matulha gew diskussi fost l-ohrajn problemi li kienu ser jinholqu permezz ta' dan il-precedent, is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-appell u s-Sur Cutajar kellu jinghata posta kemm il-darba l-istess Bord ta' l-Appell jordna illi isir hekk. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u ghaddiet b'mod unanimu.

5.6 Permezz ta' e-mail datat 21 ta' Dicembru 2012, l-Assocjazzjoni ghall-Kunsilli Lokali infurmat li l-Group Health Policty ta' l-insurance kienet ghalqet. Ghal dan il-ghan kien jinhtieg illi ssir il-polza il-gdida u kull Kunsill Lokali kien qieghed jigi mitlub jelenka lista' ta' individwi li kienu ser jigu inkluzi fil-polza. Wara li nqraw id-dettalji tal-polza ta' assikurazzjoni is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex l-impjegati tal-Kunsill Lokali flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera ikunu inkluzi fil-polza. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Stephen Caruana u ghaddiet b'mod unanimu.

5.7 E-mail datat 12 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu, is-Sa. Borg Marie Jeanne, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-21 u t-22 ta' Mejju 2013 kien ser jigi ccelebrat il-Jum Marittimu Ewropew u talbet lill-Kunsilli Lokali jikkunsidraw il-possiblita' illi tittella' attivita' fil-granet imsemmija. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt mal-koperativi tas-Sajd gewwa l-lokalita' sabiex dawn ta' l-ahhar jinghataw il-possibilita' illi jtellghu attivita' huma.

5.8 Permezz ta’ ittra datata 3 ta’ Jannar 2013, il-Kummissjoni Festa Esterna talbet lill-Kunsill Lokali sabiex hofor ta’ l-arbli li kien hemm f’Xatt is-Sajjieda u li kienu intmessu meta sar il-progett ta’ Xatt is-Sajjieda jigu rrangati ghaliex kienu kbar wisq. Wara diskussjoni dwar din it-talba, kien hemm qbil illi ghandha tintalab l-ghajnuna tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex tigi evalwata l-possibilita’ illi jaghmlu dan ix-xoghol. Dan peress illi l-Kunsill Lokali ma kellux ir-rizorsi umani mehtiega sabiex jaghmel ix-xogholijiet. Is-Sur Steven Grech qal li kien ser jiehu hsieb din il-materja.

5.9 Is-Sur Dennis Carabott ghadda lill-Kunsill Lokali kopja ta’ rapport tal-pulizija flimkien ma’ ritratti ta’ hsarat li kien garrab f’rota tal-vettura tieghu kawza ta’ hofra li kien hemm f’Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Carabott sostna li l-Kunsill Lokali ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni li sofra u pproduca quotation li kienet tammonta ghal €59.00. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-hsarat li kien garrab is-Sur Carabott kienu sehhu kawza ta’ hofra fi triq li kien responsabbli ghaliha il-Kunsill Lokali u ghaldaqstant kellu jkun l-istess Kunsill Lokali li jerfa’ responsabilita’ u jirrifondi lis-Sur Carabbott bl-ispejjez.

5.10 Permezz ta’ e-mail datat 14 ta’ Dicembru 2012, is-Sa. Charmaine Vassallo mill-Awtorita’ Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali b’applikazzjonijiet godda ghall-permessi ta’ zvilupp gewwa l-lokalita’ li l-istess MEPA kienet irceviet. Wara li inghataw dettalji ta’ l-applikazzjonijiet kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet.

5.11 Permezz ta’ e-mail datat 31 ta’ Dicembru 2012, is-Sa.Jessica Zammit minn Mediterranean Insurance Brokers infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess kumpanija kienet lesta li thallas l-ammont ta’ €976.02 lis-Sinjura Yvonne Calafato. Is-Sinjura Calafato kienet sostniet griehi wara li kienet waqghet fi sprall imkisser fi Triq il-Wilga u permezz ta’ l-avukati taghha kienet talbet lill-Kunsill Lokali hlas ta’ €1476.02 ghad-danni li kienet sofriet. Fl-istess talba ghad-danni is-Sa. Calafato ghaddiet lill-Kunsill Lokali kopji tac-certifikati medici u rapport tal-pulizija flimkien ma’ ritratti tal-griehi li garrbet.

Mediterranean Insurance Brokers permezz ta’ l-ittra tas-Sa. Zammit kienet ikkonfermat li kienet lesta thallas l-ammont ta’ €976.02 lis-Sa. Calafato. Min-naha tieghu, il-Kunsill Lokali kien qieghed jintalab ihallas l-ammont ta’ €500 bhala policy excess.

Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fid-dawl tad-dokumentazzjoni li kellu l-Kunsill Lokali kien evidenti illi l-incident li kellha s-Sa. Calafato kien sehh kawza ta’ nuqqas mill-Kunsill Lokali u ghaldaqstant fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jerfa’ r-responsabilita’ u jhallas l-ammont mitlub. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Steven Grech u ghaddiet b’mod unanimu.

5.12 Permezz ta’ e-mail datat 8 ta’ Jannar 2013, is-Sur Daniel Zerafa, segretarju ta’ Marsaxlokk FC, informa lill-Kunsill Lokali illi l-istess ghaqda kienet ser tiehu hsieb xogholijiet ta’ fencing fi Triq il-Kavallerizza. Is-Sur Zerafa qal illi l-ispiza ghax-xogholijiet kienet ser tammonta ghal €600 u talab lill-Kunsill Lokali ghajnuna sabiex tkun tista’ tigi implimentata din l-inizjativa. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-kunsilliera prezenti illi l-ligi tal-Kunsilli Lokali kienet tipprojbixxi illi jinghataw donazzjonijiet ta’ kull tip. Is-Sur Steven Grech qal illi x-xoghol li kienet qieghda issemmi din l-organizzazzjoni kien qieghed isir fuq art pubblika u ghaldaqstant kien responsabbli ghalih il-Kunsill Lokali. Is-Sur Grech qal illi f’dan il-kaz ghaldaqstant Marsaxlokk FC kienet qieghda twettaq xoghol illi suppost kellu jsir mill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jikkonferma min kien responsabbli mix-xogholijiet sabiex tkun tista’ tittiehed decizjoni rigward din il-materja

## 8 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

8.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 01/13 li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 9 Affarijiet oħra

9.1 Is-Sur Steven Grech qal illi l-Gvern Centrali kien beda xogholijiet ta' wick gdid bit-tarmac fi Triq Lepanto. Ix-xogholijiet kienu ser jinkludu wkoll bini ta' cint u bankini godda fl-istess triq. Is-Sur Grech qal illi fl-istess triq kien hemm xi sigar li kienu ser jostakolaw il-bankina. Wara diskussjoni libera gie deciz illi s-sigar in-kwistjoni, li gie stabbilit li kienu tnejn jinqalghu.

9.2 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi kien qieghed jircievi diversi ilmenti rigward hofor fiz-zona ta' Delimara u tas-Silg. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jixtri l-cold asphalt sabiex ikun jista' jsir patching. Is-Sur Steven Grech issekonda din il-propsta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.3 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi kienu avvicinawh diversi residenti sabiex isir qtugh ta' haxix fi Triq Xrobb l-Ghagin u Triq il-Patrijiet Terezjani. Is-Sur Bugeja zied jghid illi ghal dan il-ghan, u peress illi l-Kunsill lokali ma kellux bizzejjed rizorsi umani sabiex jaghmel dan ix-xoghol huwa kien ta' l-opinjoni illi jigi avvicinat is-Sur Martin Muscat sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien gie avvicinat mill-Kumitat organizzattiv tal-Malta International Fireworks Festival li kien qieghed jevalwa l-possibilita' illi gurnata minn tlieta ta' l-imsemmi Festival issir gewwa l-lokalita' ta' Marsaxlokk. D.H. zied jghid illi ghal dan il-ghan flimkien mas-Sindku kien ser jiltaqa' mas-Sur Trevor Vella, membru fil-kumitat imsemmi sabiex jigu diskussi d-dettalji ta' din l-attivita'

9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienet ghaddiet sena minn meta is-Sur Jordy Brincat, impjegat bhala ufficjal ezekuttiv mal-Kunsill Lokali, kien inghata promozzjoni u ghaldaqstant kien intitolat sabiex jitla' *notch* fi skala 13. Kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Brincat ghandu jinghata dak li kien intitolat ghalih u jitla' *notch* iehor fi skala 13.

9.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li l-Kunsill Lokali kien ircieva ilment minghand familja li kienet tabita fi Triq tas-Silg rigward inkonvejent illi l-istess familja kienet qieghda tghaddi minnu kull meta' taghmel ix-xita kawza ta' allegat qlib hazin fil-wicc ta' l-istess triq, il-Kunsill Lokali kien qabbad perit sabiex jaghmel survey taz-zona in-kwistjoni sabiex ikun jista' jigi stabbilit jekk l-ilment kienx fondat. Il-perit William Lewis, li kien gie mqabbad mill-Kunsill Lokali, wara li ghamel survey taz-zona kien ikkonkluda illi filwaqt li l-Kunsill Lokali ma seta' jiehu ebda mizura sabiex tigi rizolta l-problema, il-familja in-kwistjoni setghet tevita' illi jidhilha ilma tax-xita billi tiehu numru ta' inizjativi.
Fid-dawl ta' dan ir-rapport kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba il-familja in-kwistjoni terga' taghmel kuntatt mal-Kunsill Lokali sabiex tilmenta, kellha tinghata kopja tar-rapport li kien giet mhejji mill-Perit Lewis.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 13 ta' Frar 2013

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**